

Domandi preliminari

- 1) (a) Il-punt 1 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*)⁽¹⁾, moqri flimkien mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li sekwenza ta' karattri li taqbad il-preferenzi ta' utent tal-internet b'mod strutturat u li jistgħu jinqraw permezz ta' magna, b'rabta mal-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu, tikkostitwixxi *data* personali fis-sens tad-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq fir-rigward (1) ta' organizzazzjoni settorjali li tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-membri tagħha standard li permezz tiegħu hija tistabbilixxi fir-rigward tagħhom b'liema mod prattiku u tekniku din is-sekwenza ta' karattri għandha tiġi ġġenerata, maħżuna u/jew imxerrda, u (2) ta' partijiet li kienu implimentaw dan l-istandard fis-siti internet tagħhom jew fl-apps tagħhom u għalhekk għandhom aċċess għal din is-sekwenza ta' karattri?
- (b) Jaġhmel differenza f'dan ir-rigward li l-implimentazzjoni tal-istandard timplika li din is-sekwenza ta' karattri hija disponibbli flimkien ma' indirizz IP?
- (c) Ir-risposta għall-punti (a) u (b) twassal għal konklużjoni differenti jekk din l-organizzazzjoni settorjali ta' standardizzazzjoni ma jkollhiex hija stess id-dritt li taċċedi għad-*data* personali pproċessata mill-membri tagħha fil-kuntest ta' dan l-istandard?
- 2) (a) Il-punt 7 tal-Artikolu 4 u l-Artikolu 24(1) tar-Regolament 2016/679 moqrija flimkien mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta għandhom jiġu interpretati fis-sens li organizzazzjoni settorjali ta' standardizzazzjoni għandha tiġi kklassifikata bħala responsabbli mill-ipproċessar, meta hija tipproponi lill-membri tagħha standard għall-ġestjoni tal-kunsens li jinkludi mhux biss qafas tekniku vinkolanti, iżda wkoll regoli li jippreċiżaw b'mod iddettaljat kif din id-*data* ta' kunsens, li tikkostitwixxi *data* personali, għandha tiġi maħżuna u mxerrda?
- (b) Ir-risposta għad-domanda (a) twassal għal konklużjoni differenti jekk din l-organizzazzjoni settorjali ma jkollhiex hija stess id-dritt li taċċedi għad-*data* personali pproċessata mill-membri tagħha fil-kuntest ta' dan l-istandard?
- (c) Jekk l-organizzazzjoni settorjali ta' standardizzazzjoni [għandha] tiġi indikata bħala responsabbli jew responsabbli b'mod konġunt mill-ipproċessar tal-preferenzi tal-utenti tal-internet, din ir-responsabbiltà (konġunta) tal-organizzazzjoni settorjali ta' standardizzazzjoni testendi wkoll awtomatikament għall-ipproċessar sussegwenti minn terzi li jkunu rċewew il-preferenzi tal-utenti tal-internet, bħar-reklamar immirat online mill-pubblikaturi u mill-bejjeġha?

⁽¹⁾ ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Pistoia (l-Italja) fit-23 ta' Settembru 2022 – QX vs Agos Ducato SpA

(Kawża C-610/22)

(2022/C 482/10)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Pistoia

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: QX

Konvenut: Agos Ducato SpA

Domanda preliminari

L-obbligu li l-Istati Membri għandhom li jggarantixxu li “id-dispożizzjonijiet li jadottaw biex jimplementaw din id-direttiva ma jiġux evitati bħala riżultat tal-mod kif l-arranġamenti [il-kuntratti] jiġu fformulati”, previst fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE tat-22 ta' Diċembru 1986 għall-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar il-kreditu lill-konsumatur⁽¹⁾, ikopri biss l-assenza ta' indikazzjoni tar-RPAI fil-kuntratt jew inkella anki l-indikazzjoni żbaljata tagħha fil-kuntratt innifsu?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 326.